IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 51-2018(25_04_18)**

**25 ta' April 2018**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sa Sonja Abela - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Rose Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Fl-assenza tas-Sindku, il-laqgħa tmexxiet mill-Viċi Sindku, is-Sa Sonja Abela.

**51.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

51.1.1 Is-Sinjura Carmen Said - Sindku kienet skużata minħabba mard.

**51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

51.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħat preċidenti numri 47-2018(06_03_18), 48-2018(27_03_18) - Laqgħa b'urġenza, 49-2018(12_04_18) - Laqgħa b'urġenza u 50-2018(18_04_18) - Laqgħa b'urġenza li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew emendati u approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mill-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**51.3** ***Co-option* ta' membru fil-Kunsill**

51.3.1 Billi, wara r-riżenja tas-Sur Robert Mallia minn kunsillier f'isem il-Partit Laburista mill-Kunsill Lokali Il-Munxar, ma ġie elett l-ebda kandidat f'elezzjoni każwali, il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Partit Laburista fejn formalment qed jitlob sabiex tiġi *co-opted* is-Sinjura Juliet Rose Attard ID:36084(G) li toqgħod 'Fern Brook' Triq it-12 ta' Diċembru 1957, Il-Munxar. Is-Sa Sonja Abela pproponiet u s-Sur Paul Curmi ssekonda. Kien hemm qbil unanimi.
Preżenti fil-laqgħa kien hemm Dr Renata Farrugia, Kummissarju għall-Ġustizzja. Is-Sinjura Juliet Rose Attard ħadet il-ġurament u dan ġie kkonfermat minn Dr Renata Farrugia.

**51.4** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

51.4.1 Fir-rapport tagħha, il-Viċi Sindku infurmat lill-Kunsill li kellha kuntatti mas-CEO tal-Awtorità tal-Ippjanar, is-Sur Johann Buttigieg, u din il-ġimgħa għandu jagħtiha aktar dettalji dwar meta huwa ser ikun Għawdex sabiex tkun tista' tiġi ppjanata laqgħa miegħu.

Hija kellha laqgħa mas-Sindku Ta' Sannat fejn ġie diskuss dwar id-demmiela u kien hemm qbil li ningħaqdu flimkien u norganizzaw trasport għal meta jiltaqa' l-bord tal-Awtorità tal-Ippjanar.

Hija kellha laqgħa wkoll mas-Sur Carlo Mifsud, CEO – Awtorità tal-Artijiet. Waqt din il-laqgħa hija semmietlu d-devoluzzjoni tat-torri kif ukoll dwar it-talba tal-Kunsill sabiex il-garaxx li hemm taħt l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill u li bħalissa huwa okkupat mill-Pulizija jgħaddi f'idejn il-Kunsill.

Hija infurmat lill-Kunsill ukoll li hija flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ltaqgħu mal-Kappillan tal-Munxar flimkien maż-żgħażagħ sabiex jiġi diskuss is-sehem tal-Kunsill fil-Festa 2018.

Hija rrapportat li nhar il-Ġimgħa li għaddiet hija kienet niżlet Ix-Xlendi biex tiltaqa' mas-*supervisor* tal-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex dwar ix-xogħol li hemm bżonn isir fix-Xlendi qabel jibda l-istaġun tas-sajf. Rigward il-problema tal-iskart li hemm fix-Xlendi u kif din il-problema tista' tiġi solvuta, il-Viċi Sindku ser torganizza laqgħa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, mas-sidien tar-ristoranti, mal-Awtorità tat-Turiżmu u mal-Ministeru għal Għawdex.

Il-Viċi Sindku rrapportat ukoll li kien sar xi *patching* fit-toroq tax-Xlendi u fi Triq ix-Xatba, Il-Munxar filwaqt li l-Ministeru għal Għawdex kien naddaf Wied l-Isqawi u kienet inqagħtet dik is-siġra li tinsab fi Triq il-Kavallieri, Ix-Xlendi minħabba li kienet ta' periklu. Kienet saret l-attività f'ġieħ il-Professur Ġużè Aquilina u saret ukoll it-*talk* minn Marion Mizzi dwar l-ikel u *healthy living* u kien iltaqa' l-bord tal-aġġudikazzjoni dwar offerti.

**51.5** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

51.5.1 Is-Sur Damien Spiteri qed jitlob sabiex issir żabra tas-siġar li hemm fil-Pjazza tal-Knisja. Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li Ġnien Ragalna għandu bżonn tindifa mill-ħaxix u ssuġġerixxa li dan ix-xogħol isir miż-żgħażagħ.
Għal darba oħra huwa reġa' talab li tiżdied ġabra tal-borża s-sewda f'kull ġimgħa. Huwa ppreżenta ritratti tal-Pjazzetta t-12 ta' Diċembru 1957 fejn qed juri li hemm bżonn manutenzjoni. Fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina hemm xi bandli miksurin. Huwa informa lill-Kunsill li s-Sibt li ġej il-Munxar Falcons FC aktarx li ser jirbħu l-*league* u jekk eventwalment jiġri hekk, staqsa jekk il-Kunsill jistax jgħin fl-organizzazzjoni. Is-Sur Damien Spiteri rrefera għad-diskors tal-Viċi Sindku tal-Laqgħa Nru 47-2018(06_03_18) - 47.3.1 fejn ġie ssuġġerit li triq ġdida fi Triq il-Qsajjem tissemma Triq il-Feniċi. Is-Sur Damien Spiteri jinnota li l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda dokumentazzjoni mill-perit fuq l-i*status* tat-triq.

Dwar żbir ta' siġar, il-Kunsill diġà applika; ser issir manutenzjoni tal-Pjazzetta t-12 ta' Diċembru 1957 u Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina; il-ħaxix ħażin ta' Ġnien Ragalna ser jinqata' mill-ħaddiema tal-iskema Community Workers Scheme Enterprise Foundation; ġabra *extra* tal-borża s-sewda ma hijiex ser issir għaliex daqt titħabbar ir-riforma mill-Gvern Ċentrali; u l-Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet. Aktar tard fil-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv ser jinforma lill-Kunsill dwar xi żviluppi ġodda rigward il-proposta ta' Triq il-Feniċi.

51.5.2 Is-Sur Paul Curmi rrimarka li żewġ *collections* tal-borża s-sewda fil-ġimgħa huma ftit. Huwa ssuġġerixxa li jsir *flyer* lir-residenti ta' Andar Apartments peress li ma humiex isegwu l-ġranet u l-ħinijiet tal-ġbir ta' skart. Huwa talab li jsir *enforcement*.
Is-Sur Paul Curmi staqsa jekk il-Kunsill għandux informazzjoni dwar kif inħareġ il-permess tal-post li ser jinbena fil-kantuniera fit-tarf ta' Triq il-Munxar. Huwa ntalab in-numru tal-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex tintalab din l-informazzjoni.

**51.6 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

51.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għat-talba ta' resident li joqgħod fi Triq ir-Rumani, Ix-Xlendi sabiex triq ġdida tingħata l-isem. Talab ukoll sabiex din it-triq tiġi asfaltata. F'laqgħat preċidenti kien ġie deċiż li jiġi kkonsultat il-perit tal-Kunsill u anke ġie deċiż li din tissemma Triq il-Feniċi. Wara li kienet saret laqgħa mal-Perit Robert Grech, huwa ntalab mill-Viċi Sindku Robert Mallia sabiex jagħmel rapport dwar din it-triq.
Huwa ddikjara li "*I, the undersigned in my capacity of Architect and Civil Engineer, can confirm that the land indicated in red in attached siteplan, with access from Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi, is not a schemed road as can be also attested from the indicative scheme Alignment as set out by the Planning Authority in blue*".
Għaldaqstant, il-Kunsill ma huwiex f'pożizzjoni li jitlob li din it-triq tissemma u li tiġi asfaltata. Għaldaqstant, dan il-każ huwa magħluq.

51.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-*air condition* li hemm fl-uffiċċju tiegħu għandu l-ħsara u ma jissewwiex. Għaldaqstant, hemm bżonn li jinxtara *air condition* ieħor minfloku. Ser jinxtara mudell li jixbaħ li dak preżenti.
Kien hemm qbil dwar dan.

51.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-*mobile* tal-Kunsill ma għadux jiffunzjona sew u għaldaqstant hemm bżonn li jinbidel. Ser jinxtara mudell li jixbaħ li dak preżenti.
Kien hemm qbil dwar dan.

**51.7 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

51.7.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2018/029 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Ħaddiema fuq Skemi mal-Kunsilli Lokali'. Mehmuż kien hemm id-dokument 'Proposti dwar Distribuzzjoni ta' Ħaddiema mal-Kunsilli Lokali/Reġjuni' u l-Minuti tal-Bord - Ħaddiema fuq Skemi mal-Kunsilli Lokali - Laqgħa Nu. 1 tat-13 ta' Marzu 2018.

51.7.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2018/035 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Seminar Fondi EU'. Il-Kunsill ġie mistieden sabiex jattendi għal dan is-*seminar* fit-18 ta' Mejju 2018. Mehmuż kien hemm ukoll dokument b'aktar informazzjoni dwar dan is-*seminar*.

51.7.3 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali), Local Government Division rigward "ESF.04.0073 – (Planning Authority) PA+: - Local Councils' Training Programme". Ingħatat aktar informazzjoni dwar dan il-proġett inkluż id-dati tat-*training* u l-*information sessions* kif ukoll it-tema tal-*modules*. Dan il-proġett ser jgħin lill-Gvern sabiex ikun hawn amministrazzjoni pubblika li tipprovdi servizz effiċjenti u *cost effective*.

51.7.4 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-President, Myalgic Encephalomyelitis / Cronic Fatigue Syndrome & Fibromyalgia Alliance Malta rigward l-inizjattiva 'Light Up the Night'. Din is-sena ser jaħbat is-26 anniversarju tal-May 12th International Awareness Day. Ingħatat aktar informazzjoni dwar din l-okkażjoni u l-Kunsill intalab sabiex jixgħel bil-blu u vjola fil-lejl tal-11 u 12 ta' Mejju 2018.

51.7.5 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u anke mingħand id-Dipartiment tal-Kummerċ rigward il-'Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2018'. Ingħatat aktar informazzjoni dwar din l-inizjattiva u l-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jipparteċipa f'din il-kompetizzjoni billi japplika f'waħda mill-kategoriji li hemm miftuħa.

51.7.6 Il-Kunsill irċieva invit u informazzjoni mingħand is-CEO – GoTo Malta Co. Ltd rigward l-*information and consultation session* bit-tema 'Operation of a car sharing program throughout the Maltese Islands – GoTo Malta', fil-21 ta' April 2018 fil-Corinthia Palace, Attard.

51.7.7 Il-Kunsill irċieva invit mingħand il-President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u d-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy)*, Diviżjoni tal-Gvern Lokali għal '*Seminar* Informattiv dwar ir-Regolamenti Ġodda tal-Unjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Data', fit-12 ta' April 2018 fil-bini tal-Gvern Lokali, Il-Marsa. Dawn ir-regolamenti ġodda ser ikunu applikabbli mill-25 ta' Mejju 2018, fl-istati membri kollha. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jaqra l-bozz ta' dawn ir-regolamenti ġodda u jibgħatilhom mistoqsijiet relatati.

51.7.8 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Numru 6, tas-6 ta' Marzu 2018.

51.7.9 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Development Planning Fund tal-Planning Authority fejn il-Kunsill ġie infurmat illi l-bilanċ ta' fondi għall-proġetti, approvati mill-Kumitat u ġie ffirmat kuntratt, huwa ta' €175,743.10, fejn dak għall-Munxar huwa €52,543.83 u għax-Xlendi huwa €123,199.28.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

51.7.10 Il-Kunsill irċieva talba sabiex isir *double yellow line* quddiem Sapana Restaurant u Handcrafts souvenir shop, fi Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi minħabba li għalkemm diġà hemm *single yellow line* xorta qed isir ipparkjar ta' vetturi kuljum u għall-ħin twil.
Il-Kunsill għamel it-talba lil Transport Malta permezz tal-*e-forms*.

51.7.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) rigward 'Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali'. Il-Kunsill ġie infurmat li peress li l-estenzjoni tal-ħatra ta' 90 jum kienet b'effett mill-4 ta' Jannar 2018, u l-perjodu ta' 90 jum dalwaqt jiskadi, id-Dipartiment ser jerġa' jitlob l-approvazzjoni tal-Ministru biex tiġġedded din in-nominata ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsill ġie mitlub jinforma lid-Dipartiment jekk hemm tibdil fil-persuna nominata.
Il-Kunsill ser iżomm l-istess Deputat Segretarju Eżekuttiv.

51.7.12 Il-Kunsill irċieva lment rigward bank miksur fi Pjazza Anfori, Ix-Xlendi għaliex jinsab b'injama nieqsa u minħabba f'hekk mara anzjana sofriet ġrieħi f'irkoppitha. Il-Kunsill intalab jagħti dawra lill-bankijiet sabiex nevitaw inċidenti.
Il-Kunsill diġà ordna li titwaħħal din l-injama.

51.7.13 Il-Kunsill irċieva petizzjoni mingħand diversi residenti fi Triq il-Munxar fejn qed jopponu għat-tneħħija ta' siġar tal-Ħarrub li hemm fi sqaq fi Triq il-Munxar minħabba permess għal żvilupp PA/01888/18.
Il-Kunsill irrefera din il-petizzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar.

51.7.14 Il-Kunsill irċieva lment mingħand kumpanija li għandha l-għelieqi u s-serer fil-Wied tax-Xlendi minħabba li l-wied li jagħti mill-Munxar għat-triq tax-Xlendi, l-inħawi magħrufa bħala 'Tal-Ġebel', jinsab ibblokkat b'ħafna qasab u veġetazzjoni oħra bil-konsegwenza li l-ilma tax-xita qed jaqbeż ġol-għelieqi u jagħmel ħafna ħsara fl-uċuħ u fis-serer tagħhom. Dan hu ta' detriment għalihom u għaldaqstant qegħdin jitolbu li jiġi mnaddaf b'urġenza.
Is-Segretarju Eżekuttiv ikkuntattja lill-Ministeru għal Għawdex u infurmahom bl-urġenza tal-każ u t-tindif sar mill-Ministeru għal Għawdex.

51.7.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Rappreżentant ta' The Sunday Dive Club, Ix-Xlendi minħabba l-attività 'Say No To Plastic, Ix-Xlendi, Gozo', fejn ser isir tindif barra u fil-baħar. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jipprovdi *skip* jew xi mezz ieħor fejn jinġabar l-iskart u jirreklama din l-attività permezz ta' *artwork*, *posters* u *flyers*.
Peress li din mhix attività tal-Kunsill imma tal-Ministeru għal Għawdex, il-Kunsill ma jistax ikun involut imma hemm il-ħsieb li din l-attività ssir mill-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi fix-xhur tas-sajf.

51.7.16 Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident fi Triq il-Kappar, Ix-Xlendi minħabba li jiġu nies apposta f'tarf it-triq u jħallu ż-żibel hemm. Huwa qed jissuġġerixxi li titwaħħal tabella.
Il-Kunsill ser iwaħħal tabella.

51.7.17 Il-Kunsill irċieva talba mingħand koppja sabiex jingħatalha permess u tkun tista' tagħmel iċ-ċerimonja taż-żwieġ tagħha fuq Sanap Cliffs, f'Ġunju jew Lulju 2018. Huma infurmaw lill-Kunsill li ċ-ċerimonja ser iddum madwar sagħtejn, ser jarmaw siġġu, mejda u tinda u ser ikun hemm madwar tletin ruħ filwaqt li mhux ser ikun hemm ikel u mhux ser jitħalla skart fuq il-post.
Kien hemm qbil dwar dan il-permess.

51.7.18 Il-Kunsill irċieva lment mingħand persuna li għandha l-ħajt tas-sejjieħ tal-għalqa tagħha fi Triq Żgħawri li qed jaqa', speċjalment meta tgħaddi vettura kbira, bil-konsegwenza li l-ġebel jibqa' nieżel ġol-għalqa tiegħu u jista' jweġġa' lil min ikun ġol-għalqa taħt il-ħajt. Hija qiegħda tissuġġerixxi li jitwaħħlu *bollards* biex iservu ta' protezzjoni.
Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment u peress li huwa ftit ikkumplikat ser jiġi rreferut lill-perit tal-Kunsill.

51.7.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-persuna inkarigata mir-ritratti li ser jiġu esibiti fl-*open-air exhibition* li ser issir fit-Telgħa tal-Belt (it-triq u t-taraġ li jwasslu għaċ-Ċittadella) mill-Ministeru għal Għawdex bħala parti mill-inizjattiva Gozo Alive, bejn it-18 u l-20 ta' Mejju 2018. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jagħżel żewġ persuni mill-Munxar u ieħor mix-Xlendi sabiex jirrappreżentaw il-lokalità tagħna permezz ta' ritratti li ser jitteħdulhom fid-dar, garaxx, *workshop*, eċċ.
Il-Viċi Sindku ser tieħu ħsieb tipproponi l-ismijiet.

**51.8 Approvazzjoni tar-rapporti tal-bord ta' aġġudikazzjoni dwar sejħiet**

51.8.1 Il-bord tal-aġġudikazzjoni kien iltaqa' dwar dawn is-sejħiet:

- Tender Ref: MXR/002/2018 – Tender for the supply, delivery and installation of decorative luminaires to fit onto existing lamp posts, replacement of damaged lamp posts and replacement of existing wall mounted luminaires, Ix-Xlendi Gozo;
- Tender Ref: MXR/003/2018 – Tender for road maintenance with hot or cold asphalt and related paving works for the Il-Munxar Local Council;
- Tender Ref: MXR/004/2018 – Works Tender for the restoration and rennovation of an underground shelter located in Il-Munxar, Gozo;
- Quotation Ref: MXR/005/2018 – Quotation for the supply and maintenance of trees and seasonal plants in pots.

Ir-rapporti għadhom ma humiex lesti u għalhekk ser jiġu ppreżentati f'laqgħa oħra.

**51.9 L-Attività *Gozo Alive* 19-5-18**

51.9.1 Din is-sena għall-ewwel darba l-Kunsill ġie mistieden mill-Ministeru għal Għawdex sabiex itella' attività bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Gozo Alive li ser isiru fit-18, 19 u 20 ta' Mejju 2018. Il-Kunsill ser jorganizza l-attività Festa Familja. Din ser issir nhar is-Sibt, 19 ta' Mejju 2018 mill-10 ta' filgħodu sas-1 ta' waranofsinhar. F'din l-attività ser ikun hemm:

- Purċissjoni madwar it-toroq tar-raħal bi statwa żgħira ta' San Pawl merfugħa mit-tfal;
- Tberik tal-annimali mal-wasla tal-purċissjoni fil-Pjazza tal-Knisja;
- Armar tal-Pjazza tal-Knisja ġimgħa qabel il-festa titulari;
- *Stands;*
- *Car show* imtella' mill-Munxar Falcons FC – Esibizzjoni ta' vetturi/muturi fil-Pjazza tal-Knisja;
- *Band* tallegra l-purċissjoni tat-tfal u l-Pjazza tal-Knisja b'mużika ferriħija; u
- *Stand* għall-*band* mistiedna.

Il-Kunsill irċieva tliet kwotazzjonijiet mingħand:

- Baron Group;
- Kumitat Festi Esterni Munxar; u
- Munxar Falcons FC

Il-Kunsill għażel l-orħos waħda li hija tal-Kumitat Festi Esterni Munxar. Il-Kunsill ser iħallas is-somma ta' €2,500 lill-Kumitat Festi Esterni Munxar. Nofs dan l-ammont ser jiġi kkontribut mill-Ministeru għal Għawdex.

Il-Kunsill ġie mitlub mill-Ministeru għal Għawdex sabiex jiftaħ għall-pubbliku l-Mitħna Sotterranja t'Emerġenza tax-Xlendi, bla ħlas, għal jumejn. Għaldaqstant, il-Mitħna ser tinfetaħ is-Sibt, 19 ta' Mejju 2018 mill-10.00 ta' filgħodu sal-4 ta' waranofsinhar u l-Ħadd, 20 ta' Mejju 2018 mid-9.00 ta' filgħodu sat-3 ta' waranofsinhar mis-Segretarju Eżekuttiv u l-Assistent Uffiċjal Prinċipali minħabba li l-Iskrivana ma tistax.

**51.10 Il-Festa ta' San Pawl Nawfragu 2018**

51.10.1 Bħalma ġara fis-snin l-imgħoddija, il-Kunsill iqis li l-festa tal-patrun hija l-attività ewlenija tas-sena u għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li jagħmel dawn l-attivitajiet:

- Serata Pawlina fit-22 ta' Mejju 2018;
- Żgħażagħ Fest fl-24 ta' Mejju 2018 fejn ser ikun hemm bżonn is-servizz ta' *sound*, dawl, kantanti u *entertainment* għat-tfal;
- Serata fil-Pjazza tal-Knisja fil-25 ta' Mejju 2018 fejn ser ikun hemm bżonn is-servizz ta' kiri ta' siġġijiet, dawl, *sound* u *group* ta' mużiċisti; u
- Attività li ser tittella' quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali fis-26 ta' Mejju 2018 fejn ser ikun hemm bżonn is-servizz ta' wiri ta' *feature*, dawl mal-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali u *screen* u *sound* fejn iċ-Ċentru Parrokkjali u fil-Pjazza tal-Knisja.

Il-Kunsill ser jitlob kwotazzjoni għal dawn l-attivitajiet.

Il-Kunsill ser iħallas għall-i*Sports Festival* li ser isir fil-21 ta' Mejju 2018 (€236), għas-servizz ta' *tower ladder* (€400) li ser jintuża għall-armar u żarmar li hemm bżonn għal dawn l-attivitajiet kollha, għall-kiri ta' *mobile toilets* (€284), għat-toqob li saru fit-toroq minħabba l-arbli tal-festa (€590) u għal-*live streaming* (€354) li ser ikun fil-ġranet mill-21 sas-27 ta' Mejju 2018.

**51.11 Proposta għall-permess ta' żvilupp PA2406/18**

51.11.1 Peress li l-Avukat Larry Formosa ser ikun qed jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali Ta' Sannat, kien hemm qbil li l-Avukat Larry Formosa jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali Ta' Sannat biss u aħna nqabbdu avukat ieħor. Dawn iż-żewġ avukati ser ikunu qed jaħdmu flimkien fuq l-istess każ, iżda l-Avukat Larry Formosa jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali Ta' Sannat u l-avukat l-ieħor jirrappreżenta lilna.

Bħalissa l-Kunsill qed jiġbor tliet stimi għal dan is-servizz ta' avukat u s'issa għadu rċieva tnejn biss. Xħin jinġabru l-istimi kollha jiġu kkuntattjati l-kunsilliera, tintgħażel l-orħos offerta u noħorġu l-*purchase order*.

**51.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

51.12.1 Ma kienx hemm rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għaliex ma kienet saret l-ebda laqgħa, minħabba nuqqas ta' *quorum*.

**51.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

51.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 51-2018(25_04_18) li tkopri l-perjodu mis-6 ta' Marzu 2018 sal-24 ta' April 2018 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kienet is-Sinjura Juliet Rose Attard – Kunsillier u s-Sekondat kien is-Sur Paul Curmi – Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**51.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

51.14.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 30 ta' Mejju 2018 u fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 30 ta' Mejju, 2018

**IFFIRMATA**

Sonja Abela
Viċi Sindku

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv